MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 814/2005

**Alfred Dullnig u Walter Montebello**

***Versus***

**Carlo Schembri**

Din hija kawża b’rikonvenzjoni dwar il-ħlas ta’ djun ta’ soċjetà kummerċjali, l-obbligi tad-diretturi u t-tmexxija tas-soċjetà.

L-atturi fissru illi flimkien mal-konvenut huma d-diretturi tas-soċjetà *Primo Leisure Co. Limited*. Din is-soċjetà kellha tagħti lil diversi dipartimenti tal-gvern kif imfisser hawn taħt:

- ħamest elef, seba’ mija u tnejn u erbgħin lira u sitta u tmenin ċenteżmu (Lm5,742) lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq l-Valur Miżjud;
- għaxart elef, erba’ mija u sebgħa u disgħin lira u tmienja u għoxrin ċenteżmu (Lm10,497.28) lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni; u

- sa dakinhar meta nfetħet il-kawża, mitejn u tlieta u tletin lira u għoxrin ċenteżmu (Lm233.20) bħala penali lir-Reġistratur tal-Kumpanniji.

Billi d-diretturi huma marbutin *in solidum* mas-soċjetà għall-ħlas ta' dawn id-djun, l-atturi ħallsu bejniethom f'ishma ndaqs dak li s-soċjetà kellha tagħti lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq l-Valur Miżjud u għamlu ftehim mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni biex iħallsu bin-nifs dak li kellhom jagħtu lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni; sa meta nfetħet il-kawża kienu ħallsu sitt elef, erba' mija u sittax-il lira (Lm6,416) u għalhekk fadal bilanċ ta' erbat elef u wieħed u tmenin lira u tmienja u għoxrin ċenteżmu (Lm4,081.28).

Barra minn hekk, l-attur Montebello waħdu kien kundannat mill-Qorti tal-Maġistrati jħallas multa ta' mitt lira (Lm100) għan-nuqqas tas-soċjetà li tibgħat denunzji tat-taxxa fuq il-valur miżjud; din il-multa ħallsuha l-atturi f'ishma ndaqs bejniethom.

L-atturi jgħidu wkoll illi parti mis-somma li kellha titħallas lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq l-Valur Miżjud tirrappreżenta danni li ġarrbu l-atturi minħabba l-għemil tal-konvenut għax, għalkemm kien fl-interess tas-soċjetà u tal-partijiet bħala diretturi illi s-soċjetà tiġi stralċjata sabiex ma tiżdiedx is-somma li kellha titħallas lill-kummissarju, u għal dan il-għan il-konvenut kien imsejjaħ b'ittra legali tat-22 ta' Marzu 2004, il-konvenut baqa' ma għamel xejn u għalhekk kompliet tikber il-ferita. Il-konvenut kien imsejjaħ ukoll, iżda għalxejn, b'ittri tal-24 ta' Jannar 2005 u tas-16 ta' Frar 2005.

L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenut għandu jħallas lill-atturi sehem minn dak li ħallsu l-atturi lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq l-Valur Miżjud u sehem minn dak li jkunu laħqu ħallsu lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni sa dakinhar li tingħata s-sentenza;
2. tgħid illi l-konvenut għandu jħallas lill-atturi sehem minn dak li jkun għad fadal li jitħallas lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni dakinhar li tingħata s-sentenza;
3. tgħid illi l-konvenut għandu jħallas lill-atturi sehem mill-multa ta' mitt lira (Lm100) li l-atturi ħallsu lir-Reġistratur tal-Qrati;

4. tgħid illi l-konvenut għandu jħallas lill-atturi sehem mis-somma ta’ mitejn u tlieta u tletin lira u għoxrin ċenteżmu (Lm233.20) jew kull somma ogħla li sa dakinhar tas-sentenza tkun tħallset, jew ikollha titħallas, mill-atturi lir-Reġistratur tal-Kumpanniji;
5. tgħid illi bl-għemil tiegħu l-konvenut għamel danni lill-atturi;
6. tillikwida sehem il-konvenut mis-somma li ħallsu l-atturi lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni;
7. tillikwida sehem il-konvenut minn dak li l-atturi jkun għad fadlilhom iħallsu lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni dakinhar li tingħata s-sentenza;
8. tillikwida sehem il-konvenut mis-somma ta’ mitt lira (Lm100) imħallsa lill-atturi lir-Reġistratur tal-Qrati;
9. tillikwida sehem il-konvenut mis-somma ta’ mitejn u tlieta u tletin lira u għoxrin ċenteżmu (Lm233.20) jew kull somma ogħla li sa dakinhar tas-sentenza tkun tħallset, jew ikollha titħallas, mill-atturi lir-Reġistratur tal-Kumpanniji;
10. tillikwida d-danni li ġarrbu l-atturi;
11. tikkundanna lill-konvenut iħallas sehmu minn dak li ħallsu l-atturi lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni;
12. tikkundanna lill-konvenut iħallas sehmu minn dak li jkun għad fadlilhom jagħtu l-atturi lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni dakinhar li tingħata s-sentenza;
13. tikkundanna lill-konvenut iħallas sehmu mill-mitt lira (Lm100) li l-atturi ħallsu lir-Reġistratur tal-Qrati;
14. tikkundanna lill-konvenut iħallas sehmu mis-somma ta’ mitejn u tlieta u tletin lira u għoxrin ċenteżmu (Lm233.20) jew kull somma ogħla li sa dakinhar tas-sentenza tkun tħallset, jew ikollha titħallas, mill-atturi lir-Reġistratur tal-Kumpanniji;
15. tgħid illi l-konvenut għandu jħallas lill-atturi d-danni li dawn ġarrbu; u
16. tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi d-danni li jiġu likwidati.

Qegħdin jitolbu wkoll l-imgħax u l-ispejjeż, fosthom dawk tal-ittri legali tat-22 ta’ Marzu 2004, tal-24 ta’ Jannar 2005 u tas-16 ta’ Frar 2005, u l-ispejjeż tal-mandat ta’ sekwestru ippreżentat flimkien maċ-ċitazzjoni.

Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. dwar it-talbiet bin-numri (1), (6) u (11), u fid-dawl ta' dak li jgħid l-art. 66(5) tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud [Kap. 406][1], il-konvenut qatt ma kellu f'idejh jew taħt il-kontroll tiegħu xi proprjetà tas-soċjetà *Prime Leisure Co. Limited* li biha seta' jħallas it-taxxa lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u għalhekk qatt ma seta' jinżamm personament responsabbli għall-ħlas tat-taxxa li kellha tagħti dik is-soċjetà;

2. dwar it-talbiet bin-numri (2), (7) u (12), u fid-dawl ta' dak li jgħid l-art. 7(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa [Kap. 372][2], il-konvenut qatt ma kellu f'idejh jew taħt il-kontroll tiegħu xi proprjetà tas-soċjetà *Prime Leisure Co. Limited* li biha seta' jħallas it-taxxa lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud [*recte*, lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni], u għalhekk qatt ma seta' jinżamm personalment responsabbli għall-ħlas tat-taxxa li kellha tagħti dik is-soċjetà;

3. dwar it-talbiet bin-numru (3), (8) u (13), ir-responsabbiltà penali hija personali u, bħala prinċipju ta' ordni pubbliku, "la hija trasferibbli u lanqas ma hija indennizzabbli" u għalhekk la l-attur Montebello, misjub ħati u kundannat iħallas il-multa, u lanqas l-attur Dullnig ma għandhom jedd għal rifużjoni;

4. dwar it-talbiet bin-numru (4), (9) u (14) l-atturi għandhom igħidu taħt liema dispożizzjoni tal-liġi l-partijiet bħala diretturi huma responsabbli *in solidum* għall-ħlas ta' penalitajiet imposti mir-Reġistratur tal-Kumpanniji fuq *Primo Leisure Co. Limited* – l-atturi b'nota tal-10 t'April 2006[3] semmew l-art. 401(3) tal-Att dwar il-Kumpanniji

---

[1] **65.** (5) Rappreżentant ikollu responsabbiltà solidali mal-persuna li jkun qiegħed jirrappreżenta għat-taxxa dovuta minn dik il-persuna: iżda meta ir-rappreżentant ikun aġixxa in bona fede u ma jkunx qiegħed xjentement jikkontravjeni is-subartikolu (4) jew kull obbligazzjoni oħra taħt dan l-Att, ir-responsabbiltà tiegħu taħt dan is-subartikolu għandha tkun limitata għall-flus jew għall-valur tal-proprjetà li huwa jkun qiegħed jamministra jew jikkontrolla li tkun ta' persuna jew dovuta lil persuna li huwa jkun ir-rapprezantant tagħha.

[2] **7.** (2) Kull funzjonarju prinċipali [ta' kull korp ta' persuni] għandu jħallas it-taxxa mill-proprjetà ta' l-imsemmi korp ta' persuni. Iżda hu jkun suġġett għall-ħlas persunalment u *in solidum* ma' kull persuna oħra responsabbli għaliha, jekk f'xi żmien wara l-1 ta' Jannar, 1979, hu jkollu fil-pussess tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu xi proprjetà tal-korp ta' persuni li setgħet tintuża biex titħallas it-taxxa li tkun dak iż-żmien dovuta.

[3] *Fol.* 91.

[Kap. 386][4], u fin-nota ta’ osservazzjonijiet tagħhom tat-30 t’April 2009 komplew semmew l-art. 427(4) tal-istess Kap. 386[5];
5. l-atturi għandhom jagħmlu l-prova illi *Primo Leisure Co. Limited* tassew kellha tagħti s-somom mitluba;
6. dwar it-talbiet bin-numru (5), (15) u (16) il-konvenut tħalla barra mit-tmexxija tas-soċjetà b’mod li jekk is-soċjetà tassew kellha tagħti dak li qegħdin igħidu l-atturi, dan kien biss riżultat ta’ tmexxija ħażina, bla ħila u bla għaqal mill-atturi stess li wasslet biex falliet;
7. il-konvenut ma ngħatax opportunità li jiddefendi lis-soċjetà kontra l-pretensjonijet magħmula kontra tagħha; u
8. il-konvenut qatt ma kien imsejjaħ mill-awtoritajiet imsemmija mill-atturi biex personalment iħallas sehem mis-somom mitluba, qatt ma ngħata opportunità jiddefendi lilu nnifisu u, li kieku ngħata dik l-opportunità, kien ikollu “bażi legali” biex jagħmel dan.

Il-konvenut inqeda bil-proċeduri midija mill-atturi biex b’rikonvenzjoni ressaq il-kontro-talbiet tiegħu. Fisser illi l-atturi “eskludewh”, għalkemm direttur bħalhom, mit-tmexxija tas-soċjetà u tal-attività kummerċjali tagħha. Is-soċjetà mexxewha ħażin, bla ħila u bla għaqal, u taw lilhom infushom, għas-servizz li taw lis-soċjetà, ħlas li għandu jitqies bħala sproporzjonat meta tqis is-servizz li taw, il-kwalità ta’ dan is-servizz, u l-mezzi u l-qagħda tas-soċjetà. Barra minn hekk, l-atturi jew xi wieħed minnhom inqdew b’fondi u assi tas-soċjetà fl-interess tagħhom personali.

Minħabba f’dan kollu l-konvenut, bħala azzjonista tas-soċjetà, ġarrab danni u għandu jedd għal azzjoni diretta kontra l-atturi. Għalhekk, b’rikonvenzjoni qiegħed jitlob illi l-qorti:

---

[4] **401.** (3) Meta r-Reġistratur jagħti avviż bil-miktub lil xi persuna li dik il-persuna saret suġġetta għal penali taħt dan l-Att li jispeċifika x-xorta tal-ksur tal-liġi u jindika ammont dovut bħala penali għal dak ir-reat, il-persuna li lilha jkun ingħata l-avviż titqies, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli minn (4) sa (17), li tkun weħlet penali taħt dan l-Att, kif ukoll xi penali dovuta għal kull jum li matulu n-nuqqas ikompli u l-ammont indikat kif intqal qabel li hu dovut bħala penali għandu jitqies li jkun il-penali dovut taħt dan l-Att għall-ksur tal-liġi speċifikat fl-avviż.

[5] **427.** (4) Kumpannija tkun responsabbli *in solidum* ma’ l-uffiċjali tagħha għall-ħlas ta’ kull penali amministrattiva imposta taħt dan l-Att.

1. tgħid illi hu ġarrab danni minħabba fin-nuqqasijiet u l-imġieba tal-atturi; u
2. tillikwida dawn id-danni u tikkundanna lill-atturi jħallsu d-danni hekk likwidati.

Għall-kontro-talbiet l-atturi ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. il-kontro-talbiet waqgħu bi preskrizzjoni taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili; u
2. fil-meritu, il-kontro-talbiet huma "infondati fil-fatt u fid-dritt".

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk:

Il-kumitat ta' tmexxija tat-Teatru Manoel ħareġ sejħa għal offerti għall-kiri tar-*restaurant* u l-*cafeteria* tat-teatru u l-konvenut tħajjar jagħmel offerta. Billi dak iż-żmien kellu relazzjoni professjonali mal-attur Montebello, li kellu esperjenza fil-qasam tal-*catering*, il-konvenut ħajjar lil Montebello biex jidħol bi sħab miegħu u jagħmlu l-offerta flimkien. Montebello aċċetta iżda ried li jdaħħal ukoll lill-attur l-ieħor Dullnig. Għalhekk ftiehmu t-tlieta li huma u flimkien għamlu l-offerta li ġiet aċċettata. Dan kollu sar fi żmien qasir.

Meta l-offerta ġiet aċċettata l-partijiet ħarġu f'ishma ndaqs ir-rigal ta' għaxart elef lira (Lm10,000) biex ħadu l-kirja u ifformaw is-soċjetà *Primo Leisure Co. Limited* biex tmexxi n-negozju.

Meta s-soċjetà ħadet il-kirja l-atturi daħlu fil-post biex inaddfuh u jaraw x'kien meħtieġ biex ikun jista' jibda n-negozju. Il-konvenut ma ħax sehem f'dan ix-xogħol, iżda, billi huwa *designer*, ħejja xi pjanijiet għall-attrezzament tar-*restaurant*, partikolarment għall-bdil tat-tapezzerija. Billi lill-atturi dehrilhom illi l-pjanijiet tal-konvenut kienu jdaħħlu lis-soċjetà fi spiża għolja li, f'dak l-istadju, is-soċjetà ma kinitx tiflaħ għaliha, ma qablux mal-pjanijiet tal-konvenut. Il-konvenut, meta ra hekk, irraġuna illi billi kienu tnejn kontra wieħed qatt ma kienet sejra tgħaddi tiegħu u, billi deherlu illi n-negozju kien sejjer jitmexxa b'medjokrità, effettivament abdika milli jieħu sehem fit-tmexxija tan-negozju u ħalla kollox f'idejn l-atturi. Minħabba f'hekk ukoll, il-konvenut li, skond il-ftehim, kellu jieħu ħsieb il-*marketing*, milli jidher ma għamel xejn minn dan għax ma riedx li jħajjar nies ta' kalibru għoli f'ambjent li skond hu kien medjokri.

L-atturi għalhekk bdew imexxu n-negozju bi ftit li xejn kontribut min-naħa tal-konvenut, u t-tnejn li huma jew xi wieħed jew ieħor minnhom kienu jkunu tista' tgħid kuljum fuq il-post waqt li kien għaddej in-negozju. Ta' dan kienu jieħdu paga bħala impjegati tas-soċjetà.

Wara xi żmien l-awditur tas-soċjetà, billi deherlu li n-negozju ma kienx miexi tajjeb u l-flus li kienu ħerġin kienu aktar mid-dħul, laqqa' lill-partijiet bħala diretturi biex igħarrafhom dwar il-qagħda tas-soċjetà u biex igħidilhom illi s-sitwazzjoni ma kinitx sostenibbli.

Il-partijiet għalhekk ftiehmu illi, biex jonqsu l-ispejjeż, l-atturi ma jibqgħux jieħdu paga iżda l-konvenut kellu jieħu sehem aktar attiv fit-tmexxija. Ftiehmu wkoll illi l-konvenut kellu jagħmel *marketing* aktar attiv. Il-konvenut dan għamlu billi xtara *mailing list* mingħand terzi u bagħat reklami bil-posta lin-nies fuq dik il-lista. Milli jidher il-lista ma kinitx aġġornata u parti sew mir-reklami mibgħuta mill-konvenut ma waslux fejn kellhom jaslu. Ukoll, il-konvenut għamel xi żmien imur ir-*restaurant* – fejn iżda kien jagħmel, fuq *computer*, xogħol tiegħu personali li kien jieħu miegħu fuq diska u li ma kellux x'jaqsam mat-tmexxija tan-negozju – jew kien jibgħat lil ħaddieħor floku, sakemm sfortunatament marad u ma kellu xejn aktar x'jaqsam man-negozju.

Dak kollu li għamlu l-partijiet biex isalvaw in-negozju ma sewa għal xejn; in-negozju baqa' sejjer lura u s-soċjetà spiċċat ukoll żgombrata mill-post. Waqgħet ukoll lura fil-ħlasijiet ta' taxxa fuq id-dħul u fuq il-valur miżjud, u ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. L-atturi, billi kellhom f'idejhom beni tas-soċjetà li setgħu bihom ħallsu t-taxxa, kellhom iħallsu din it-taxxa personalment, taħt l-art. 66(5) tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud [Kap. 406] u l-art. 7(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa [Kap. 372]. Ħallsu wkoll xi penali talli ma bagħtux fil-waqt denunzji li kellhom isiru taħt l-Att dwar il-Kumpanniji [Kap. 368]. Barra minn hekk, l-attur Montebello kien kundannat iħallas multa ta' mitt lira (Lm100) għan-nuqqas tas-soċjetà li tibgħat denunzji tat-taxxa fuq il-valur miżjud. Għalkemm kien kundannat Montebello waħdu, il-multa ħallsuha Montebello u Dullnig flimkien.

L-atturi issa qegħdin jitolbu illi l-konvenut joħroġ sehmu minn dawn l-ispejjeż.

Id-diretturi, bħala regola, ma jweġbux għad-djun tas-soċjetà jekk mhux f'ċirkostanzi partikolari u bis-saħħa ta' dispożizzjoni tal-liġi, bħal ma huma l-art. 66(5) tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud [Kap. 406] u l-art. 7(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa [Kap. 372]. Għalkemm, strettament, dawk l-artikoli jolqtu r-relazzjoni bejn id-diretturi u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni rispettivament, huma wkoll relevanti, minħabba surroga bis-saħħa tal-art. 1166(*ċ*)[6] tal-Kodiċi Ċivili, għar-relazzjoni bejn id-diretturi nfushom jekk xi wħud minnhom iħallsu taxxa li għall-ħlas tagħha kienu marbuta lkoll flimkien.

Fil-każ tat-taxxa fuq il-valur miżjud, huwa marbut għall-ħlas *in solidum* min:

1. huwa "rappreżentant", bħal ma huwa direttur, tas-soċjetà; u
2. fl-istess ħin:
   a. ikun mexa *in mala fide*; jew
   b. kiser "xjentement" dak li jgħid l-art. 66(4) tal-Kap. 406; jew
   c. ikollu f'idejh beni tas-soċjetà li minnhom seta' ħallas it-taxxa.

L-art. 66(4) igħid hekk:

**66.** (4) Rappreżentant li jkollu taħt it-tmexxija jew kontroll tiegħu xi flus jew proprjetà ta' persuna jew dovuti lil persuna li huwa jkun rappreżentant tagħha ma għandux jiddisponi minn dawk il-flus jew proprjetà kemm-il darba ma jkunx ħaseb biżżejjed għal kull taxxa dovuta taħt dan l-Att. [Kap. 406]

Il-konvenut kien direttur, u għalhekk "rappreżentant" tas-soċjetà, iżda ma nġiebet ebda prova illi huwa kien *in mala fide* jew li kellu f'idejh flus jew beni oħra tas-soċjetà. Rajna illi, ħlief għall-isforzi żgħar li għamel, jew li taparsi għamel, għall-*marketing* u għall-ftit drabi li kien ikun fil-post, iżda jagħmel xogħol ieħor, il-konvenut ma kellu ebda sehem attiv fit-tmexxija tas-soċjetà u ma nġiebet ebda prova li kellu flus jew beni oħra tas-soċjetà f'idejh.

---

6 **1166.** Is-surroga ssir *ipso jure* favur -

… … …

(*ċ*) ta' dak li kien obbligat ma' oħrajn jew għal oħrajn għall-ħlas tad-dejn u kellu interess iħallsu.

L-istess igħodd għar-responsabbiltà għall-ħlas tat-taxxa fuq id-dħul. Taħt l-art. 7(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa [Kap. 372], ma hux biżżejjed li tkun "funzjonarju prinċipali", bħal ma huwa direttur, biex tkun marbut personalment għall-ħlas tat-taxxa, jekk ma jkollokx ukoll, fiż-żmien relevanti, flus jew beni oħra tas-soċjetà li bihom tkun stajt ħallast it-taxxa.

Billi, għalhekk, ma hemmx il-kondizzjonijiet biex il-konvenut jitqies responsabbli *in solidum* mas-soċjetà u mal-atturi għall-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud u t-taxxa fuq id-dħul, l-atturi meta ħallsu dawk it-taxxi ma ġewx surrogati fil-jeddijiet tal-kummissarji rispettivi kontra l-konvenut. Fin-nuqqas ta' dispożizzjoni ta' liġi li tagħmel lill-konvenut responsabbli għall-ħlas ta' dawk id-djun tas-soċjetà, ma huwiex marbut li jħallas xi sehem minnhom, u t-talbiet relativi tal-atturi huma għalhekk miċħuda.

L-attur Montebello kien weħel ukoll multa talli s-soċjetà naqset milli tibgħat denunzji tat-taxxa fuq il-valur miżjud fil-waqt. Issa qiegħed jitlob illi l-konvenut iħallas sehmu minn din it-taxxa, bħal ma ġà għamel l-attur l-ieħor Dullnig.

Dwar din it-talba hija tajba l-eċċezzjoni tal-konvenut li tgħid illi r-responsabbiltà penali hija personali, u ma jingħata ebda forma ta' indennizz għaliha. It-talba hija kontra l-ordni pubbliku u hija għalhekk miċħuda wkoll.

Is-sitwazzjoni dwar il-penalitajiet taħt l-Att dwar il-Kumpanniji [Kap. 386] hija differenti, għax l-art. 427(4) ta' dak l-Att igħid illi soċjetà tkun responsabbli *in solidum* ma' l-uffiċjali tagħha għall-ħlas ta' kull penali amministrattiva imposta taħt l-Att.

Il-konvenut igħid illi, kieku ngħata fakoltà illi jiddefendi ruħu, kien jagħmel hekk bil-proċedura taħt l-art. 401(5) tal-Kap. 386 u jinħeles mir-responsabbiltà. In-nuqqas li għalih kienet imposta l-penali, iżda, kien wieħed oġġettiv – nuqqas li jintbagħtu denunzji taħt l-Att – u l-konvenut ma weriex kif is-soċjetà setgħet teħles mill-multa, aktar u aktar meta s-setgħa tal-qorti li tħassar jew tnaqqas il-penali taħt l-art. 401(7) tal-Att hija limitata, u l-konvenut ma weriex x'difiża setgħet titressaq biex is-soċjetà, u d-diretturi magħha, setgħu inħelsu mir-responsabbiltà għal dan in-nuqqas.

Il-konvenut għalhekk għandu jħallas sehmu, flimkien mal-atturi, tal-penali imposti mir-Reġistratur tal-Kumpanniji.
L-atturi qegħdin igħidu wkoll illi l-penali għaż-żmien wara li huma, għalxejn, sejħu lill-konvenut biex jersaq għall-istralċ tas-soċjetà għandu jħallashom il-konvenut waħdu, għax li kieku sar l-istralċ il-penali ma kinitx tkompli tiela'. Il-qorti iżda tosserva illi (a) ma kien hemm xejn li jżomm lill-atturi milli jibdew huma proċeduri ġudizzjarji għall-istralċ, ukoll mingħjar il-ko-operazzjoni tal-konvenut, u wkoll (b) ma kien hemm xejn li jżomm milli jintbagħtu d-denunzji, fin-nuqqas tal-istralċ.
Il-konvenut għalhekk għandu jħallas sehem daqs l-atturi. Il-penali sad-29 ta' Jannar 2009 kienet telgħet għal tlitt elef, mitejn u tlieta u sittin euro u erbgħin ċenteżmu (€3,263.40), u sehem il-konvenut għalhekk jiġi elf u sebgħa u tmenin euro u tmenin ċenteżmu (€1,087.80), li miegħu għandu jiżdied ukoll sehem minn tlieta ($^1/3$) tal-penali għaż-żmien wara d-29 ta' Jannar 2009.
L-atturi qegħdin jitolbu wkoll illi l-konvenut jagħmel tajjeb għad-danni li ġarrbu bi ħtija tiegħu. Jidher illi din it-talba hija mibnija fuq in-nuqqas tal-konvenut li jieħu sehem attiv fit-tmexxija tan-negozju u fin-nuqqas tiegħu li jikko-opera mal-atturi għall-istralċ tas-soċjetà.
Kienet ħaġa miftiehma bejn il-partijiet illi l-konvenut ma kellux jieħu sehem attiv bħal dak tal-atturi fit-tmexxija tan-negozju; dan jixhdu l-fatt illi waqt illi, qabel il-laqgħa mal-awditur, l-atturi kienu jitħallsu għax-xogħol li kienu jagħmlu fl-interess tas-soċjetà, il-konvenut ma ħa ebda ħlas. Tassew illi, wara l-laqgħa mal-awditur, il-ftehim inbidel u l-konvenut ukoll kellu jieħu aktar interess fit-tmexxija tan-negozju, u tassew ukoll illi jidher illi t-tentativi tal-konvenut kienu x'aktarx dgħajfa, iżda ma nġiebet ebda prova li kien xi nuqqas tal-konvenut li wassal biex in-negozju jmur ħażin; kien ġà sejjer ħażin qabel, u kien għalhekk illi l-awditur sejjaħ il-laqgħa.
Fil-fehma tal-qorti għalhekk ma hemm xejn li juri li l-konvenut jaħti għal xi telf li ġarrbu l-atturi, u t-talba għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni hija għalhekk miċħuda.
Ngħaddu issa biex inqisu l-kontro-talbiet tal-konvenut.
Il-konvenut qiegħed jitlob danni mingħand l-atturi għax qiegħed igħid illi dawn mexxew in-negozju bla ħila u bla għaqal, u bi ksur tal-liġijiet fiskali, għax lilu "eskludewh"

minn kull sehem fit-tmexxija, għax ma ħadux ħsieb iħarsu ġudizzjarjament l-interessi tas-soċjetà, tant li tilfu azzjoni ta' spoll li fetħu wara li għalqu xahrejn minn meta s-soċjetà kienet żgumbrata mill-post mikri lilha, u għax ħadu ħlas li kien wisq meta mqabbel mas-servizz li taw u mal-qagħda finanzjarja tal-kumpannija. Qiegħed igħid ukoll illi l-attur Dullnig bagħbas xi flus tas-soċjetà. Dawn ir-raġunijiet huma elenkati b'aktar dettall fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut.

L-atturi ressqu l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ta' sentejn taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili – il-preskrizzjoni li tolqot l-azzjonijiet għal danni *ex delicto vel quasi*. Biex naraw jekk din l-eċċezzjoni tolqotx il-każ tallum jeħtieġ li nqisu n-natura tal-azzjoni tal-konvenut, jekk hijiex azzjoni għal danni *ex delicto vel quasi* jew hijiex azzjoni mibnija fuq relazzjoni kuntrattwali jew ta' xorta oħra bejn il-partijiet.

L-obbligi tad-diretturi *qua* diretturi huma lejn is-soċjetà mhux lejn l-azzjonisti[7], u għalhekk l-azzjoni tal-konvenut, li qiegħed imexxi b'"azzjoni diretta"[8] fl-interess tiegħu nnifsu, ma hijiex azzjoni mibnija fuq ir-relazzjoni organika bejn is-soċjetà u d-diretturi tagħha, u lanqas ma hija azzjoni taħt l-art. 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji [Kap. 386]. Lanqas ma hija "azzjoni derivattiva" magħmula minn azzjonist fl-interess tas-soċjetà stess, għax is-soċjetà nfisha ma hijiex parti fil-kawża, kif għandha tkun f'azzjonijiet bħal dik[9].

Ir-rikonvenzjoni għalhekk, la ma hijiex mibnija fuq relazzjoni kuntrattwali jew organika bejn il-partijiet, tista' tkun biss azzjoni għal danni *ex delicto vel quasi* li l-konvenut igħid li ġarrab minħabba l-għemil ħażin tal-konvenuti.

Il-kontro-talbiet għalhekk huma milquta bil-preskrizzjoni taħt l-art. 2153 ħlief safejn huma dwar l-allegazzjoni ta' approprjazzjoni indebita magħmula kontra l-konvenut Dullnig, billi f'dak il-każ il-ħsara tkun ikkaġunata b'reat u tintlaqat bi preskrizzjoni oħra.

---

7 Ara Michael J. Falla *versus* John H. Sorotos, Qorti tal-Appell, 12 ta' Marzu 1976.

8 Ara l-ħames premessa għall-kontro-talbiet, *fol*. 73.

9 Ara *Mixkuka Limited versus* George Mangion *nomine et*, Qorti Ċivili, Prim'Awla, 24 t'April 2003.

Nibdew mela billi naraw jekk iż-żmien tal-preskrizzjoni għalax dwar dawk it-talbiet li jintlatu bl-art. 2153.
Il-fatti li wasslu għall-proċeduri tallum seħħew bejn il-21 ta' Marzu 2001, meta twaqqfet *Primo Leisure Co. Limited*, u t-3 ta' Settembru 2003, xahrejn wara li s-soċjetà kienet żgumbrata mill-post u sa meta għalhekk is-soċjetà setgħet utilment mexxiet b'azzjoni ta' spoll. Ir-rikonvenzjoni saret bin-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut ippreżentata fis-6 ta' Frar 2006, aktar minn sentejn wara.
L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ta' sentejn taħt l-art. 2153 hija għalhekk milqugħa, ħlief, kif ingħad, safejn il-kontro-talbiet jolqtu l-allegazzjoni ta' approprjazzjoni indebita mill-attur Dullnig.
Ngħaddu għalhekk biex inqisu din l-allegazzjoni tal-konvenut.
Qabel xejn għandu jingħad illi, ladarba ma saritx eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva, ma huwiex il-każ li naraw ukoll jekk il-konvenut setax f'ismu jmixxi kontra l-attur Dullnig dwar din l-allegazzjoni, u ngħaddu biex neżaminawha fil-meritu.
Għalkemm kien imiss lill-konvenut li jressaq il-provi dwar din l-approprjazzjoni indebita, kull ma għamel il-konvenut kien li jgħid illi l-attur Montebello kien qallu li kien imħasseb għax Dullnig kien qiegħed jieħu flus tas-soċjetà. Montebello iżda xehed illi tassew illi Dullnig kien jieħu xi flus, iżda dan kien bi ħlas ta' arretrati ta' paga li kien għadu ma tħallasx. L-awditur tas-soċjetà wkoll xehed illi ma sab ebda diskrepanzi fi-kontijiet.
Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi mhux biss ma nġibtx prova konvinċenti tal-approprjazzjoni indebita iżda anzi, partikolarment mix-xiehda tal-awditur, inġiebet prova illi ma kien hemm ebda approprjazzjoni indebita. Din il-kontro-talba għalhekk għandha tiġi miċħuda.
Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk taqta' l-kawża:
1. tiċħad it-talbiet tal-atturi bin-numri (1), (2), (3), (5), (6), (7), (8), (10), (11), (12), (13), (15) u (16);
2. tipprovdi dwar it-talbiet bin-numri (4), (9) u (14) billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma elf u sebgħa u tmenin euro u tmenin ċenteżmu (€1,087.80) bħala sehmu mill-penali imposta mir-Reġistratur tal-Kumpanniji, b'dan illi ma' dan l-ammont għandu jiżdied ukoll sehem minn tlieta ($^1/3$) tal-penali għaż-żmien wara d-

29 ta’ Jannar 2009, u b’dan ukoll illi l-konvenut għandu biss jħallas lill-atturi jekk u meta dawn jagħtu prova li ħallsu din il-penali lir-Reġistratur tal-Kumpanniji;
3. tiċħad l-eċċezzjoni ta’ preskrizzjoni taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili mressqa mill-atturi kontra l-kontro-talbiet tal-konvenut safejn il-kontro-talbiet huma dwar allegazzjoni ta’ approprjazzjoni indebita mill-attur Dullnig u tilqagħha dwar il-bqija tal-meritu tal-kontro-talbiet;
4. tiċħad fil-meritu l-kontro-talbiet tal-konvenut safejn dawn huma dwar allegazzjoni ta’ approprjazzjoni indebita mill-attur Dullnig; u
5. tordna illi l-ispejjeż tal-kawża ewlenija jinqasmu hekk bejn il-partijiet: l-atturi flimkien iħallsu tliet ishma minn erbgħa (¾) u l-konvenut iħallas is-sehem li jifdal minn erbgħa (¼); l-ispejjeż tar-rikonvenzjoni għandu jħallashom kollha l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------